MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 13/2011

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Bertram Zahra (K.I. 340390M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elf, sitt mija, tlieta u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1633.41) rapprezentanti ammont dovut lis-socejta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’);

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbidipprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-

ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 24 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat André Portelli u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------